



Statistika ġudizzjarja 2016: rekords ġodda ta' produttività u ta' kawżi mressqa għall-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

L-Istituzzjoni b'mod ġenerali

Kif jirriżulta mill-istatistika, is-sena 2015 kienet ikkaratterizzata mir-ritmu eċċezzjonali tal-attività ġudizzjarja tal-Istituzzjoni. Quddiem it-tliet qrati li jikkostitwixxu, fis-sena li għaddiet tressqu b'kollox 1 711-il kawża. Fl-istorja tal-Istituzzjoni, dan huwa l-ogħla numru ta' kawżi mressqa f'sena. Il-Qorti tal-Ġustizzja kienet ikkonċernata b'mod partikolari minn din iż-żieda peress li l-limitu simboliku ta' 700 kawża mressqa quddiemha nqabeż għall-ewwel darba. Barra minn hekk, b'1 755 kawża magħluqa fl-2015, il-produttività annwali tal-Istituzzjoni laħqet livell mingħajr preċedent.

L-Istituzzjoni tifraħ b'dan l-iżvilupp, li huwa xhieda tal-fiduċja min-naħa tal-qrati nazzjonali u tal-individwi fir-rigward tagħha. L-Istituzzjoni hija ssodisfatta wkoll, f'dan il-kuntest, bl-adozzjoni, mill-awtoritajiet leġiżlattivi tal-Unjoni Ewropea, tar-riforma tal-arkitettura ġudizzjarja tagħha li hija r-riżultat ta' proċess leġiżlattiv li nbeda fl-2011. Fil-fatt, din ir-riforma ser tippermettilha, bis-saħħa tal-irdoppjar fin-numru tal-Imħallfin tal-Qorti Ġenerali permezz ta' proċess fuq tliet stadji mifrux sal-2019, tkompli taffaċċja ż-żieda fin-numru tal-kawżi u taqdi l-missjoni tagħha fis-servizz tal-individwi Ewropej b'osservanza tal-għanijiet ta' kwalità u ta' effikaċja fil-ġustizzja. Din ir-riforma strutturali kienet akkumpanjata mit-tfassil ta' Regoli tal-Proċedura ġodda tal-Qorti Ġenerali. Dawn ir-Regoli daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2015 u ser isaħħu l-kapaċità ta' din tal-aħħar sabiex tittratta l-kawżi f'terminu raġonevoli u fl-osservanza tar-rekwiżiti tas-smiġħ xieraq.

Il-Qorti tal-Ġustizzja

L-istatistika ġudizzjarja tal-Qorti tal-Ġustizzja għas-sena 2015 turi, b'mod globali, iż-żamma ta' livelli għolja ta' produttività u ta' effikaċja, iżda wkoll, fuq kollox, tendenza kontinwa ta' żieda fil-volum tal-kawżi.


Is-713-il kawża mressqa fl-2015 jikkostitwixxu rekord assolut fl-istorja tal-Qorti tal-Ġustizzja¹. Din iċ-ċifra eċċezzjonali, li tirrappreżenta żieda ta' kważi 15 % meta mqabbla mal-2014 (622), hija r-riżultat konġunt taż-żieda sinjifikattiva fin-numru ta' appelli [215-il appell, jiġifieri kważi d-doppju taċ-ċifra tal-2014 (111) u l-iktar ċifra għolja fl-istorja tal-Qorti tal-Ġustizzja] u tan-numru kbir ħafna ta' talbiet għal deċiżjoni preliminari mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja [436, jiġifieri t-tieni l-iktar ċifra għolja wara dik tal-2013 (450)].

Fl-2015 il-Qorti tal-Ġustizzja qatgħet 616-il kawża, ċifra li tirrappreżenta tnaqqis globali meta mqabbla mal-2014 (719), li kien parzjalment dovut għan-numru iżgħar ta' kawżi mressqa fl-2014 (622) u, għaldaqstant, fi stat li jiġu deċiżi matul is-sena li għaddiet. Fil-31 ta' Diċembru 2015, in-numru ta' kawżi pendenti kien jammonta għal 884, li jirrappreżenta żieda meta mqabbel mas-

¹ Bl-eċċezzjoni tal-1 324 kawża mressqa fl-1979. Din iċ-ċifra, li hija għolja b'mod barra minn normal, kienet dovuta għall-preżentata ta' volum enormi ta' rikorsi għal annullament li kellhom l-istess suġġett.

sitwazzjoni fl-aħħar tas-sena 2014 (787), iżda li jikkorrispondi preċiżament għas-sitwazzjoni fil-31 ta' Diċembru 2013 u, b'differenza ta' tnejn, għas-sitwazzjoni fil-31 ta' Diċembru 2012 (886).

Fir-rigward tat-tul tal-proċeduri fl-2015, l-istatistika hija pożittiva ħafna. Fil-fatt, fir-rigward tar-rinviji għal deċiżjoni preliminari, it-tul medju għat-trattament tagħhom kien ta' 15.3 xhur, li huwa qrib ħafna ċ-ċifra rekord tal-2014 (15-il xhur). Fir-rigward tar-rikorsi diretti, dan it-tul kien, fl-2015, ta' 17.6 xhur, li jirrappreżenta tnaqqis sinifikattiv meta mqabbel mas-snin preċedenti (bejn 19.7 xhur u 24.3 xhur matul il-perijodu 2011-2014). Fir-rigward tat-tul medju għat-trattament tal-appelli, dan kien, fl-2015, ta' 14-il xhur, li jirrappreżenta l-iktar medja qasira f'dawn l-aħħar snin.




	2011	2012	2013	2014	2015
Kawżi mressqa	688	632	699	622	713
Kawżi magħluqa	638	595	701	719	616
Kawżi pendenti	849	886	884	787	884

II-Qorti Ġenerali

Is-sena 2015 ser titniżżel bħala sena ta' importanza kbira fl-istorja tal-Qorti Ġenerali. Filwaqt li bbenefikat mir-riżultati tar-riformi mibdija diversi snin ilu u tal-investiment inkundizzjonat min-naħa tal-persunal tagħha, il-qorti laħqet livell ta' produttività eċċezzjonali mingħajr bidliet fil-mezzi għad-dispożizzjoni tagħha. Ir-riżultati qabżu dak li kien mistenni peress li l-Qorti Ġenerali qatgħet 987 kawża fl-2015, jiġifieri żieda ta' kważi 90 % meta mqabbla mal-2010 (meta ngħalqu 527 kawża), u ta' iktar minn 20 % meta mqabbla mas-sena li għaddiet, fejn kien diġà ntlaħaq riżultat storiku (bi 814-il kawża magħluqa).

Fir-rigward tan-numru ta' kawżi mressqa, dan jikkonferma t-tendenza ġenerali ta' żieda li ilha tiġi osservata sa mill-ħolqien tal-qorti. Fl-2015, tressqu 831 kawża, jiġifieri numru ta' kawżi ġodda li huwa qrib tar-rekord irreġistrat fl-2014 (912-il kawża). B'hekk, il-medja ta' kawżi mressqa fis-sena bejn l-2013 u l-2015 hija 40 % ikbar minn din l-istess medja bejn l-2008 l-2010.

Madankollu, il-qabża fil-produttività kienet tali li l-qorti rnexxielha tnaqqas in-numru tal-kawżi pendenti quddiemha bi proporzjonijiet sinjifikattivi (minn 1423 fl-2014 għal 1267 fl-2015, jiġifieri tnaqqis ta' iktar minn 10 %). Fl-aħħar nett, fost l-indikaturi essenzjali tal-attività tal-qorti, għandu jiġi enfasizzat ukoll li t-tul medju tal-istanzi kompli jitnaqqas b'mod dinamiku (minn 23.4 xhur fl-2014 għal 20.6 xhur fl-2016, jiġifieri tnaqqis ta' iktar minn 10 %), tnaqqis li ilu jiġi osservat sa mill-2013.



	2011	2012	2013	2014	2015
Kawżi mressqa	722	617	790	912	831
Kawżi magħluqa	714	688	702	814	987
Kawżi pendenti	1.308	1.237	1.325	1.423	1.267


It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku

Mill-istatistika għas-sena 2015 jirriżulta li n-numru ta' kawżi mressqa (167) żdied bi ftit meta mqabbel mas-sena li għaddiet (157), filwaqt li n-numru ta' kawżi magħluqa baqa' l-istess (152).

Fil-31 ta' Diċembru 2015, in-numru ta' kawżi pendenti kien jammonta għal 231, meta mqabbel ma' 216 fl-2014. Madankollu, għandu jingħad li f'dawn l-aħħar sentejn it-Tribunal għas-Servizz

Pubbliku kellu jissospendi l-eżami ta' numru kbir ta' kawżi fl-istennija ta' deċiżjonijiet min-naħa tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

It-tul medju tal-proċedura (mingħajr ma jittieħdu inkunsiderazzjoni s-sospensjonijiet li jista' jkun hemm) naqas minn 12.7 xhur fl-2014 għal 12.1 xhur fl-2015 (meta mqabbel ma' 14.7 xhur fl-2013).



	2011	2012	2013	2014	2015
Kawżi mressqa	159	178	160	157	167
Kawżi magħluqa	166	121	184	152	152
Kawżi pendenti	178	235	211	216	231

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355